MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Numru. 331/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Victor Vella bin Emanuel u Eucharistica nee' Scerri, imwieled fit-22 ta' Dicembru, 1964 u residenti Small Boy Garage,
Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 265(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Victor Vella li gie akkuzat talli nhar it-18.03.2007 ghall-habta ta' 21:00hrs fi triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, bhala is-sid tal-karozza bin-numru IAF 272:

1) Halla jew ippermmetaa lil Abdel Farhat minn Ghajnsielem, Ghawdex isuq l-imsemmija karozza meta l-licenzja ta' din il-vettura mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta ma kinitx imgedda ghas-ena kurrenti (Reg 14(1) tal-Avviz Legali 476/2004)
2) U talli gieghel jew halla lil Abdel Farhat juza din il-vettura bil-mutur fit-triq meta ghall-uzu minnu ma kinitx ssehh polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Art 3(1) Kap 104)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' Reg 14(1) Ln 476/2004 3(1) Kap 104;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' l-imputat stess irrizulta illi huwa kkonsenja vettura li kienet ghadha fuq ismu lill-persuna li lilu bieghha minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollja sabiex jara illi din il-persuna ma ssuqx il-vettura hlief li wissietu;

L-imputat meta jbiegh vettura jrid jara illi r-regoli kollha li tiddetta l-Ligi jigu osservati;

Mill-provi jirrizulta car illi l-vettura ma kelliex licenzja u lanqas kellha koperta ta' assikurazzjoni;

Kwindi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' elf u ghoxrin lira Maltin (Lm1020).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------